MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 1328/2009

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Christian Abela, iben France, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ April, 1986, Karta ta’ l-Identita numru 186986(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-22 ta’ Diċembru, 2009 għal ħabta tal-11.30 a.m. ġewwa l-fond numru 21, Triq il-Paroċċa, Mosta bil-ħsieb li jikkometti delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ttanta li jikkaġuna ferita gravi, bi strument li jaqta’ jew ineggez, fuq il-persuni ta’ Tammy Frendo u Carla Frendo liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta’ ta’ Christian Abela;

2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi kkaġuna feriti ħfief fuq il-persuna ta’ Tammy Frendo, skkond kif iċċertifika Dr. Raymond Borg M.D.;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal Tammy Frendo u Carla Frendo sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom il-ħsara;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kien fil-pussess u ġarr strumenti li jaqtgħu u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta’ tal-vittmi u, jekk hu neċessarju toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront tal-vittmi skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll li f’każ ta’ ħtija torbot lill-akkużat b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata kif jidhrilha xieraq mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-akż jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar, 2010 fejn Carla Frendo ħafret lill-imputat u irrinunzjat għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit fil-konfront ta’ Carla Frendo għal dak li jirrigwardaw l-ewwel u it-tielet akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b), 217, 221(1) u 339(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’

multa ta’ sebgħin euro (€70) u tordna l-konfiska ts-skieken eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni jew xi forma oħra ta’ garanzija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------